# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' 8 ta' Frar 2018**

**Rikors Numru : 449/2016 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**John G Cassar Limited (C-189)**

**VS**

1. **Prime Distributors Limited (C71785)**
2. **Doreen Spiteri (167979M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' John G Cassar Limited (C-189), datat 6 ta' Gunju 2016,a fol 1 et seqq, li jaqra hekk;

1. *Illi l-intimata Doreen Spiteri u s-socjeta' intimata Prime Distributors Limited dahlu fi ftehim mas-socjeta' rikorrenti kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat JGC 002, permezz ta' liema ftehim is-socjeta' rikorrenti kienet tforni lis-socjeta' intimata*

*diversi prodotti u permezz ta' l.iema ftehim il-konvenuta ntrabtet personalment bhala granti tal-ammonti dovuti mis-socjeta' intimata;*

2. *Illi ghall-ewwel il-pagamenti dovuti ghall-konsenja ta' prodotti kien isir abbastanza regolarment izda dan l-ahhar l-intimati waqaw lura sew fil-pagamenti b'dan li issa l-intimati huma solidalment debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma bilancjati ta' hmistax-il elf tmien mija u disa' Euro (15,809) rapprezentati l-prezz ta' oggetii u merci mibjugha u debitament konsenjati lilhom kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok.JGC 003;*

3. *Illi minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-hlas tal-bilanc dovut ghall-prodotti konsenjati, l-intimati naqsu milli jaghmlu hekk u baqghu inadempienti u ghalhekk kellha issir din il-kawza;*

4. *Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jeziztu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante illi, fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti,il konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti;*

5. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta'attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja li jinghataw id-dikjatazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidrilha opportuni:*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal- Kodici tal- Kap 12 tal- Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-intimati solidament li jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hmistax-il elf tmien mija u disa' Euro (15.809)*

*Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelarju numru 746/2016 JZM u bl-imghaxijiiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effetiv pagament kontra il-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il- ligi.

Rat id-digriet taghha tal- 4 ta' Lulju 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-intimati jakkordaw risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata ta' Doreen Spiteri (illum Doreen Farrugia) ID 167979(M) u Prime Distributors Limited C71786 , a fol 19 et seqq, li taqra hekk;

*Eccezzjonijiet komnuni tal-partijiet;*

1. *Illi it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

2. *Illi preliminarjament kemm l-initmata Prime Distributors Limited kif ukoll Doreen Spiteri m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Illi fil-fatt l-azzjoni ghandha twiegeb ghalija s-socjeta' Sierra Group Malta Limited C72217 li hija fil-fatt is-socjeta' li tiggestixx l-attivita kummercjali li xtrat din il-merkanzija imsemmija;*

4. *Illi l-esponenti Doreen Spiteri mhix la direttrici u lanqas azzjonista kemm ta' Prime Distributors u lanqas ta' Sierra Group u dan kif ser jigi ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u qatt ma kienet awtorizzata tagixxi ghan-nom taz-zewg socjetajiet;*

5. *Illi l-ammont mitlub mhux dovut u bla pregudizzju ghal dan, l-attrici ghandha tipprova li l-ammont mitlub minna;*

6. *Illi bla pregudizzju ghal dak eccepit l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv;*

7. *Illi l-initmati qed jipprevalixxu ruhhom minn dan ir-rikors guramentat biex jaghmlu l-kontro-talba taghhom f'dan ir-rigward.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati*

Rat il-kontro-talba guramentata ta Doreen Spiteri (llum Doreen Farrugia) ID 167979(M) u Prime Distributors Limited C71786,datat 14 ta' Lulju 2016, a fol 21 et seqq, li jaqra hekk;

*Illi permezz ta' skrittura li giet annessa mar-rikors guramentat immarkata Dok JPG 002 l-intimati qed jintalbu l-hlas ta' somma ta' hmistax-il elf tmien mija u disa'elf Euro (E15,809);*

*Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sollevati l-imsemmija skrittura hija nulla u dan ghar-raguni li l-kunsens huwa vvizzjat tant li l-intimata Doreen Spiteri qatt ma kienet awtorizzata tifffirma ghan-nom la ta' Prime Distributors Limited u lanqas ghan-nom ta' kumpaniji ohra u ghar-raguni li l-kunsens ittiehed bi zball u dan kif ser jirrizulata waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi l-intimati jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvediment kollha li jidrilha opportuni;*

*Tiddikjara li l-iskrittura annessa u mmarkata Dok JGC 002 mar-rikors guramentat promotur bhala nulla u dan ghar-ragunijiet fuq premessi*

*Bl-ispejjez kontra John G Cassar Limited.*

Rat ir-risposta guramentata ta' John G Cassar Limited (C-189) ghall-kontro-talba ta' l-intimati, datat 2 t'Awissu 2016,a fol 25 et seqq, li jaqra hekk;

1. *Illi din hija r-risposta guramentata ghall-kontro-talba tal-intimati prezenatat fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi,liema kontro-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li hija palesement infondata kemm fil-fatti kif ukoll fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet;*

2. *Illi preliminarjament il-kontro-talba hekk kif proposta hija nulla u rritwali stante li din il-kontro-talba ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal- Ligijiet ta Malta;*

3. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt billi is-socjeta' John G Cassar dejjem ikkuntratat mas-socjeta' Prime Distributors Limited u dan fuq struzzjonjiet tal-istess konvenuta Spiteri;*

4. *Illi kjarament is-socjeta' esponenti fl-ebda mod ma induciet lil hadd fi zball u wisq anqas lill-initmata Spiteri, li kienet taf perfettament bid-differenza bejn iz-zewg socjetajiet u kkuntrattat f'isem is-socjeta' intimata Prime Distributor Limited;*

5. *Illi mill-banda l-ohra r-rapprezentanti tas-socjeta' esponenti kjarament ma kienux a konoxxenza tal-fatt li kien hemm zewg socjetajiet kummercjali u fl-ebda mod ma setghu jinducu lil Spiteri fi zball u f'kull ma kellhom ebda interess li jinducuha fi zball stante li fl-ahhar mill-ahhar li kieku riedu jikkuntrattaw ma' socjeta u mhux ma' ohra kienu semplicement jghidulha hekk minghajr il-htiega li jingannaw lil hadd;*

6. *Illi fil-fatt, kif inhu ovvju,ir-rapprezentanti tas-socjeta' esponenti ma kienux jafu bis-socjeta' l-ohra Sierra Group Malta Limited u qatt ma setghu f'xi mod jinducu lil Doreen Spiteri fi zball dwar l-istess kumpanija billi huma nizzlu dawk id-dettalji li tathom l-istess Doreen Spiteri, li minn naha l-ohra kienet ben konsapevoli mil-fatti;*

7. *Illi huwa ukoll car u ovvju li l-intimata Spiteri qeghda tipprova tinheba wara l-fatt li l-hwienet in kwistjoni jisimhom Sierra Stationery Book Shops bhal li kieku dan kellu jkun ta' ndikazzjoni ghas-socjeta' esponenti li qeghdin jikkontrattaw mas-socjeta' Sierra Group Malta Limited u mhux ma' Prime Distributors Limited,li fil-fatt isimha jidher car fuq il-kuntratt in kwistjoni;*

8. *Illi barra minn hekk huwa tassew ironiku li r-risposta guramentata u kontro-talba ta' Doreen Spiteri u Prime Distributors Limited, permezz taghhom isir l-argument li Doreen Spiteri ma kienitx awtorizzata tagixxi ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti u li*

*ghalhekk il-ftehim relattiv huwa null,huwa kkonfermat bil-gurament ta' Spiteri ghaz-zewg partijiet;*

9. *Illi di piu' huwa ukoll perfettament car li Doreen Spiteri ma ghamlet l-ebda zball meta ffirmat l-iskrittura, kif jixhed l-istess fatt li hi dejjem accettat il-prodotti relattivi konsenjati lilha u issa ghandu jsir il-hlas relattiv ghalihom;*

10. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidrilha opportuni, tichad il-kontro-talba attrici bhala infondata fil-fatt u fid-dritt filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici hekk kif esposti fir-rikors guramentat;*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xiehda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni finali mil-avukati difensuri tas-socjeta rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

**Malcolm Attard** xehed a fol 5 u a fol 30 *et seqq* illi huwa *office manager* fi hdan is-socjeta rikorrenti. Spjega illi meta kienu bdew il-problemi mal-intimati biex jonoraw il-pagament dovuti, kienu sejhu laqgha, ghall-liema laqgha kienu attendew Doreen Spiteri, Josef Grech u Denise Grech, li kienu kkonfermaw li kienu ser ihallsu, u Denise Grech kienet anke talbithom jigbru l-merkanzija li kienet ghadha ma nfethitx u li ghalhekk setghat terga tinbiegh. Spjega li ghalhekk is-socjeta rikorrenti kienet marret fil-hanut in kwistjoni u gabret merkanzija varja, b'total ta' €6,4260.23. Zied illi s-somma ta' €15,209 pretiza f'din il-kawza kienet giet ikkalkolata qabel ma ingabru dawn l-affarijiet, u li ghalhekk il-bilanc totali dovut huwa issa fl-ammont ta' **€9,347.07**.

**Sandra Chapelle** xehdet a fol 34 *et seqq* illi hija tahdem bhala *sales and brand manager* fi hdan is-socjeta rikorrenti. Qalet illi fit-12 ta' Ottubru 2015, ghal habta ta' nofsinhar jew il-kwarta, kienet marret fl-ufficju taghhom Doreen Spiteri minghajr pre-avviz, meta hi kienet diga qieghda ma xi klijenti ohra. Spjegat li dakinhar kienet dawritha max-*showroom* biex turiha il-prodotti tal-Milied li kellhom u Spiteri kienet qaltilha li kellhom aktar minn hanut wiehed u li kienu ilhom xi xahrejn li fethu xi hwienet ohra, u ghalhekk kienu ghamlu appuntament ghad-19 ta' Ottubru. Dakinhar ta' dan l-appuntament, Spiteri kienet marret ma' ommha, ghamlet ordni max-xhud, u wara, peress li kienet uriet interess li tara t-*toys* kienet tellghata fuq biex tiltaqa' ma Robert Borg, li kienet ghamlet ordni mieghu. Qalet illi l-ewwel ordni li kienet ghamlet ghal hanut taz-Zurrieq kienet giet imhallsa permezz ta' cekk minghajr problemi ta' xejn, izda l-problemi bdew fir-rigward tal-ordnijiet li ghamlet ghall-hwienet l-ohra, tant illi lanqas biss kienet tirrispondi t-telefon meta kienu jcemplula rigward pagamenti, jew tghidlhom biex ikellmu lir-ragel. Xehdet li ghalhekk kienet gieghlet lil Spiteri timla *credit application* biex jifhutlha kont, u fuq din il-formola Spiteri kienet indikat Sierra Bookshop, b'indirizz fiz-Zurrieq, indikat ukoll numru tal-VAT. Mistoqsija l-isem tal-kumpanija, Spiteri wiegbet li l-kumpanija kienet Prime Distributors Limited.

**Robert Borg** xehed a fol 87 *et seqq* illi huwa jahdem bhala *sales representative* fi hdan is-socjeta rikorrenti u qal illi Spiteri kienet ghamlet ordni ghal xi prodotti mas-socjeta rikorrenti, li gew filfatt forniti. Spjega li kien hemm ftehim fuq pagamenti mensili, u li bhala kumpanija ghandhom 90 gurnata *credit terms.* Qal illi meta skada il-perjodu ta' disghin gurnata beda jipprova jcempel lil Spiteri izda din qatt ma kienet tirrispondi, u din is-sitwazzjoni damet ghaddejja ghal xi tliet xhur. Qal ukoll illi l-ewwel darba li saret *delivery,* id-*delivery man* kienet rega ha x-xoghol lura ghand is-socjeta rikorrenti ghaliex Spiteri ma kelliex il-pagament lest, izda imbaghad kienu ftehmu li jaghtuha *credit term* ta' 90 gurnata u saret l-ewwel *delivery.*

**In kontro-ezami** a fol 90 ikkonferma li ma kienx sar pagament minn naha tal-intimata, apparti pagament ta' €2,000 li kien sar permezz ta' cekk moghti lilu minn Josef Grech. Mistoqsi ghal min kienet qed issir ix-xirja, jekk hux ghal Doreen Spiteri jew ghan-nom ta' Sierra, wiegeb illi din kienet qed issir ghan-nom ta' kumpanija skont il-formola mimlija minn Spiteri stess. Ikkonferma illi skont id-dokument, l-ordni kien sar minn Sierra

Stationery, Triq Gornett, Mosta, filwaqt li d-*delivery* kienet saret fil-*warehouse* fl-Imqabba.

**Tiziana Fenech** xehdet a fol 96 *et seqq* illi hija tahdem bhala *sales representative* fi hdan is-socjeta rikorrenti, u kienet hadet l-ordnijiet hi, flimkien ma' Sandra Chapelle, meta kienu jaghmlu l-ordnijiet ta' Sierra Bookshop. Qalet illi hija kienet iltaqghat ma' Doreen Spiteri meta kienu saru dawn l-ordnijiet.

**In kontro-ezami** a fol 97 *et seqq* xehdet illi l-hwienet in kwistjoni kien jisimhom Sierra Bookshops, li kienu jbieghu *stationery* u rigali. Xehdet li meta kienet tmur ghal pagamenti kienet tmur il-hanut taz-Zurrieq, u li kienet marret ukoll fil-hwienet tal-Imqabba, Haz-Zebbug, Hamrun, Tarxien u anke l-*warehouse* tal-Imqabba. Xehdet illi fil-hwienet hija dejjem kienet kelmet lis-*sales representative* li jkun fil-hanut, u li Spiteri kienet tkun fil-hanut taz-Zurrieq.

**George Mangion** xehed a fol 100 *et seqq* illi huwa jaghmel id-*deliveries* tas-socjeta rikorrenti u f'dan il-kaz id-*deliveries* kienu jsiru fil-*warehouse* tal-Imqabba tal-hanut Sierra Bookshop. Spjega li suppost il-klijent jhallsu meta jigu forniti bil-prodotti, izda l-ewwel darba li kien mar ma setghux ihallsuh u ghalhekk kien ha kollox lura ghand is-socjeta rikorrenti. Kompla illi wara xi zmien kien inghata struzzjonijiet biex jerga jiehu l-prodotti l-Imqabba, u ma kienx sar hlas dakinhar, u anke meta kienu jmorru fil-hwienet ta' Sierra ma kienx isir hlas mal-konsenja tal-merkanzija.

**Julian Sammut** xehed a fol 104 *et seqq* illi huwa direttur tas-socjeta rikorrenti, u fir-rigward ta' Sierra Bookshops xehed illi kienu tawhom il-beneficcju tad-dubbju u accetaw li jixtru prodotti *on credit* minflok ma jhallsu meta dawn il-prodotti jigu forniti. Xehed li l-pagamenti ma sarux u dejjem kienu jigu b'xi skuza biex ma jhallsux, u filfatt kien sar pagament wiehed ta' €2,000. Spjega li ghalhekk kienet saret laqgha fejn kienu attendew Doreen Spiteri, Josef Grech u ohtu u kienu ftehmu ma' oht Josef Grech biex imorru jigbru l-merkanzija li kien fadal fil-hwienet, izda apparti dan, ma sar l-ebda pagament ulterjuri.

**Ikkonsidrat;**

**Il-kawza principali tas-socjeta rikorrenti**

Din hija kawza permezz ta' liema s-socjeta rikorrenti qed titlob li l-intimat jigu kkundannati jhallsu l-ammont dovut lilha minnhom, wara li hi kienet forniet lill-intimati b'merkanzija sabiex tinbiegh fil-hwienet taghhom.

L-intimati ecceppew preliminarjament illi kemm is-socjeta Prime Distributors Limited kif ukoll Doreen Spiteri m'humiex il-legittimi kontradituri u li ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, fejn kienet saret distinzjoni bejn il-kwistjoni tar-responsabbilita u l-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, billi kien gie spjegat illi:

> "[d]*in il-Qorti allura tikkonsidra illi* ***biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti****.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex*

*tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess App.Civ. 1365/92 6 negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

***Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata*."

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Alexander Zammit et vs Carmel Mifsud et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru 2016, kien intqal illi:

**"…*jirrizulta imqar prima facie illi l-intimati Carmel Mifsud u Clive Demicoli kienu materjalment parti fin-negozjati li saru bejn il-partijiet ghat-tiswija tad-danni li kien soffrew ir-rikorrenti fid-dar residenzjali taghhom, minhabba x-xogholijiet li saru fil-fond adjacenti, proprjeta tal-kumpanija li taghhom Mifsud u Charles Demicoli huma diretturi. Minn naha ta' Charles Demicoli, jirrizulta illi l-applikazzjoni bin-numru PA/04167/05 kienet saret f'ismu.* […] *dan ifisser illi huma gew korrettement citati mir-rikorrenti biex jidhru bhala intimati f'din il-kawza, ghalkemm dan naturalment ma jfissirx necessarjament illi huma huma l-persuna responsabbli ghad-danni li soffrew ir-rikorrenti.*"**

Il-Qorti rat illi skont it-testimonjanza mhux kontradetta tax-xhieda kollha li gew prodotti mis-socjeta rikorrenti, l-intimat Doreen Spiteri kienet personalment tinnegozja mas-socjeta rikorrenti, u taghmel l-ordnijiet. Di piu' irrizulta li Spiteri ma kienetx qed tikkontratta f'isimha biss meta kienu gew negozjati t-termini tal-kreditu, u mhux meta kienu saru l-ordnijiet inizjalment. Il-Qorti rat ukoll illi skont ix-xhieda mhux kontradetta ta' Sandra Chapelle, meta Spiteri giet mistoqsija, waqt li kienet qed timla l-Credit Application Form,

jekk kienx hemm xi kumpanija involuta, Spiteri indikat lis-socjeta ntimata Prime Distributors Limited, li filfatt giet imnizzla bhala l-kumpanija li kienet qed titlob il-kreditu fuq l-istess formola.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi jirrizulta *prima facie* li l-intimati kienu materjalment parti tan-negozju li jifforma l-bazi ta' din l-azzjoni, u li konsegwentement gew korrettement citati biex jidhru bhala ntimata f'din il-kawza. Kif intqal fis-sentenzi citati pero, dan ma jfissirx necessarjament li huma l-persuni responsabbli biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti, fatt li ghad irid jigi stabbilit minn din il-Qorti aktar il-quddiem.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tielet eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew illi din l-azzjoni ghandha twiegeb ghaliha Sierra Group Malta Limited, u mhux huma, ghaliex hija din il-kumpanija illi tiggestixxi l-attivita kummercjali li xtrat il-merkanzija in kwistjoni, filwaqt illi permezz tar-raba' eccezzjoni taghhom eccepew illi Doreen Spiteri la hija direttrici u lanqas azzjonista ta' Prime Distributors jew Sierra Group u lanqas qatt ma kienet awtorizzata tagixxi ghan-nom ta' dawn iz-zewg socjetajiet.

Il-Qorti rat illi ghalkemm huwa minnu illi n-numru tal-VAT indikat fuq il-fatturi prezentat, u fuq il-Credit Application Form, u cioe MT22770407 huwa n-numru tal-VAT tas-socjeta Sierra Group Malta Limited, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tal-VAT a fol 18, l-istess Credit Application Form esebita a fol 6 bhala JGC 002 giet maghmula f'isem s-socjeta ntimata Prime Distributors Limited, li ghaliha ffirmat l-intimata Doreen Spiteri. Il-Qorti rat ukoll illi mit-testimonanjanza mhux kontradetta tax-xhieda kollha prodotti mis-socjeta rikorrenti, jirrizulta illi din is-socjeta Sierra Group Malta Limited qatt ma ssemiet fit-transazzjonijiet u negozjati li sehhew bejn il-partijiet. Apparti dan, jirrizulta li Doreen Spiteri stess kienet iddikjarat, meta sar il-kreditu, li l-merkanzija kienet qed tigi ordnata ghan-nom ta' Prime Distributors Limited, kif filfatt hemm indikat fl-applikazzjoni ghall-kreditu.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 :

> ***"...hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta' attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta' attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta' tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Marzu 2002:

> ***"...meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut (...) li jgib il-prova li s-socjeta' attrici kienet giet mgharrfa li n-negozju kien qieghed jigi gestit minn socjeta' kummercjali..."***

Mill-provi prodotti fil-mori tal-kawza, rrizulta illi s-socjeta Sierra Group Malta Limited qatt ma ssemmiet lis-socjeta rikorrenti bhala s-socjeta li maghha kien qed isir in-negozju. Anzi, meta waqt li kienet qed issir il-*Credit Application Form,* Spiteri giet mistoqsija jekk kienx hemm kumpanija nvoluta, din kienet irrispondiet illi fil-fatt l-ordnijiet kienu qed isiru ghan-nom ta' kumpanija, Prime Distributors Limited. Jekk is-socjeta verament involuta kienet Sierra Group Malta Limited, l-intimati kellhom obbligu li jinformaw lis-socjeta rikorrenti b'dan u mhux jaghtuha informazzjoni li imbaghad f'din il-kawza jghidu li m'hijiex korretta sabiex jipprovaw jevadu obbligi volontajrament assunti.

Il-Qorti illi fit-tielet klawsola tal-Credit Application Form esebita a fol 6 hemm stipulat illi:

> "***The Director/s and/or Shareholders of the private company signing this agreement, bind themselves personally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to the performance of all obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, and without prejudice to the generality of the above, they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the payment of all overdue payments and interest due to the company under this agreement."***

Il-Qorti ghalhekk tifhem illi huwa a bazi ta' din il-klawsola illi s-socjeta rikorrenti harrket lil Doreen Spiteri sabiex hi wkoll personalment tirrispondi ghall-pretensjonijiet taghha.

Il-Qorti pero rat illi mill-atti processwali ma tirrizulta ebda prova li turi li Doreen Spiteri hija filfatt direttur jew azzjonista tas-socjeta ntimata. Kif inhu risaput, fil-kawzi civili l-oneru tal-prova jinkombi fuq ir-rikorrenti. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Martin Mifsud et vs Marika Almerigo** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-16 ta' April 2013:

> "***Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12.***"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 1953 intqal illi:

> "***ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat.***"

Ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti l-oneru tal-prova illi Doreen Spiteri hija personalment responsabbli ghal-pretensjoni taghha, izda dan m'ghamlitlux, billi fl-ebda hin ma pproduciet xi prova li Spiteri hija direttrici jew azzjonista tas-socjeta ntimata, u dan minkejja illi minn bidu kienet konsapevoli b'din il-linja difensjonali tal-intimati.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi filwaqt li t-tielet eccezzjoni hija nfondata, ir-raba' eccezzjoni hija fondata peress illi ma tressqitx prova illi Doreen Spiteri hija, jew fi zmien relevanti kienet, direttrici jew azzjonista tas-socjeta ntimata, u ghaldaqstant qed tillibera lil Doreen Spiteri mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkonsidrat;**

**<u>Il-kontro-talba tal-intimati</u>**

L-intimati ressqu kontro-talba permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara l-iskrittura, ossia l-Credit Application Form, nulla in kwantu il-kunsens huwa vvizzjat ghaliex Doreen Spiteri qatt ma kienet awtorizzata tiffirma a nom ta' Prime Distributors Limited jew kumpaniji ohra u wkoll ghaliex il-kunsens ittiehed bi zball.

Is-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata eccepiet preliminarjament illi l-kontro-talba hija nulla u dan stante illi ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi kif gej:

"*Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

(a) *meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

(b) *meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.*"

Il-Qorti taghraf illi kif jidher *ictu oculi* mir-rikors ghall-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti, il-kontro-talba taghhom hija gejja mill-istess skrittura li fuqha hija imsejsa t-talba tas-socjeta rikorrenti, u li fi kwalunwke kaz, l-iskop tal-kontro-talba huwa li

jgib fix-xejn l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata. Ghalhekk il-Qorti tqis illi din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata hija nfondata u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fil-meritu, il-Qorti rat illi ghalkemm l-intimati rikonvenzjonanti gew moghtija cans illi jipprezentaw il-provi taghhom, huma mhux biss baqghu moruzi, izda la dehru quddiem din il-Qorti u lanqas biss ikkomunikaw mal-avukat taghhom, tant illi eventwalment il-Qorti kienet kostretta li tiddkjara l-provi taghhom maghluqa. Kif intqal aktar il-fuq, l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega, u ghalhekk kellhom ikunu l-intimati rikonvenzjonanti li jipproducu provi in sostenn tal-allegazzjoni taghhom illi l-iskrittura ghandha tigi annullata. Fl-assenza totali ta' provi minn naha tal-intimati rikonvenzjonanti, u fin-nuqqas ta' provi li jistaghu jitfghu dawl dwar l-allegazzjonijiet taghhom fil-kontenut tat-testimonjanza, inkluz dik in kontro-ezami, tax-xhieda prodotti mis-socjeta rikorrenti rikonvenzjonata, il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra hlief li tichad it-talbiet kollha tal-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti.

**Ikkonsidrat;**

**<u>Il-meritu tal-azzjoni tas-socjeta rikorrenti</u>**

Fil-meritu, il-Qorti rat illi l-provi migjuba mis-socjeta rikorrenti rigward l-ammont dovut ma gew bl-ebda mod kontradetti u l-Qorti tqis illi s-socjeta rikorrenti gabet prova tal-bilanc dovut lilha skont il-ligi. Il-Qorti rat ukoll illi l-ammont mitlub gie ridott ghas-somma ta' €8,846, wara pagamenti li saru mill-intimati fil-mori tal-kawza.[1]

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma fondati fil-konfront tas-socjeta ntimata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

[1] Vide verbal tas-27 ta' Novembru 2017 a fol 112.

1. **tilqa' limitatament ir-raba' eccezzjoni tal-intimati billi ma jirrizultax ipprovat illi Doreen Spiteri hija direttrici jew azzjonista tas-socjeta Prime Distributors Limited u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;**
2. **tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta rikonvenzjonata ghal-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti;**
3. **tichad it-talbiet kollha tal-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti;**
4. **tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati; u konsegwentement,**
5. **tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti in kwantu indirizzati lejn is-socjeta Prime Distributors Limited, u tordna lill-istess Prime Distributors Limited thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmint'elef, tmien mija u sitta u erbghin ewro (€8,846), bl-imghax dekoribbli mid-data tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez tal-azzjoni principali ghandhom ikunu a karigu ta' Prime Distributors Limited, b'dan illi l-ispejjez ta' Doreen Spiteri ghandhom jithallsu mis-socjeta rikorrenti.**

**L-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom ikunu a karigu tal-intimati rikonvenzjonanti in solidum.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**